## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' Jannar, 2016

**Talba Nru: 843/2015 DMA**

**Darren Sciberras**
**(ID. 29781M)**

**Vs**

**John Zerafa**
**(ID. 503183M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 t'Ottubru, 2015 dejn l-attur talab jghid il-konvenut ghalfejn dan it-Tribunal m'ghandux jordnalu jhallas lill-attur is-somma ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) rapprezentanti bilanc li baqa' dovut bhala parti minn somma akbar referibbli ghal servizzi professjonali moghtija mill-attur lill-konvenut in konnessjoni ma' design konstruzzjoni, applikazzjonijiet ta' zvilupp u servizzi ohra relattati (kif spjegati ahjar fil-kont anness bhala Dok A) liema servizzi gew rezi mill-attur

fil-kwalita' tieghu ta' architect and civil engineer fir-rigward tal-propjeta' li tinsab 31, St. James Square, c/w Sqaq in-nofsinhar, Zabbar.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment, tal-ittra Ufficjali 166 Numru 1072/15 u bl-imghax dovut, li ghandhom jigu ordnati li jithallsu mill-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut irrisponda u eccepixxa:

1. Illi l-ammont mitlub mill-attur mhuwiex dovut mill-esponenti kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt;
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

It-Tribunal wara li semgha zewg partijiet u ra d-dokumenti pprezentati wasal biex jifhem illi l-attur qed jiddikjara li fadallu x'jithallas elfejn u hames mitt ewro (€2,500) filwaqt illi l-konvenut qieghed jghid illi dawn hallashom permezz ta cash u tant hallasu illi l-perit ffirmalu change of architect.

It-Tribunal irrid jindika minn mill-partijiet huwa kredibbli fix-xhieda taghha. Jidher illi wara li gie allegat il-pagament fis-6 ta jew fit-8 ta' Frar, 2015 permezz ta' cash il-konvenut ma wiegeb ebda messag tal-perit fejn intalab il-hlas.

It-Tribunal issibha difficli li jemmen illi l-konvenut hallas l-ammont ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) b'cash meta l-ammonti l-ohra hallas permezz ta' cheque. Issibha difficli li jemmen li ma jirrispondiex messagg tal-perit u lanqas cempillu biex jaccara il-hlas ta' dawn l-ammonti.

It-Tribunal f'din il-kawza jhoss illi hemm inkonsistenza kbira da parti tal-konvenut meta qed jallega li hallas pero fl-istess hin ma jibghatx risposta lil attur ghal messagi tieghu ghal hlas.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) lil attur bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv versu d-debita ricevuta.

B'dan pero illi biex issir dan il-hlas ghandu jinghata u jigi ffirmata ic-change of architect fuq kwalunkwe permess li nhareg fuq fond, 31 Misrah San Gakbu, Sqaq Nofsinhar Zabbar.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**